



Servizzi finanzjarji: il-Kunsill japprova programm li jinvolvi l-konsumaturi fit-tfassil tal-politika

Fl-11 ta' Mejju 2017, il-Kunsill approva programm li **jippromwovi l-involviment** tal-konsumaturi fit-tfassil tal-politika għas-servizzi finanzjarji.

Il-programm il-ġdid jimxi fuq il-passi maħsuba biex **terġa' tidħol il-fiduċja** fis-settur finanzjarju wara l-kriżi finanzjarja.

Ir-regolament ġie adottat f'laqgħa tal-Kunsill Agrikoltura u Sajd, mingħajr diskussjoni.

Il-Parlament Ewropew ta l-approvazzjoni tiegħu għal dan il-programm, li għandu baġit ta' €6 miljun biex ikopri l-perjodu 2017-20, fis-27 ta' April 2017. Dan isegwi ftehim ma' rappreżentanti tal-Parlament li ntlaħaq fl-14 ta' Frar 2017.

- [Regolament dwar il-programm 2017-20 li jinvolvi lill-konsumaturi fit-tfassil tal-politika fis-servizzi finanzjarji](#)
- [Stqarrija għall-istampa rigward ftehim tal-2017 dwar programm li jinvolvi l-konsumaturi fit-tfassil tal-politika fis-servizzi finanzjarji](#)

Press office - General Secretariat of the Council of the EU

Rue de la Loi 175 - B-1048 BRUSSELS - Tel.: +32 (0)2 281 6319

press@consilium.europa.eu - www.consilium.europa.eu/press